MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2004

Citazzjoni Numru. 732/1996/1

**Dr.Louise Sant Fournier ghan-nom u in rappresentanza ta' Roger Satariano & Son Limited.**

**-vs-**

**Marisa D'Anastasio.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fil-5 ta' Marzu, 1996 li permezz taghha l-atturi ppremettew:

Illi l-attrici noe hija kreditrici tal-konvenuta ghas-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm625.68) prezz ta' merkanzija konsistenti

f'madum lilha mibjugha u kkonsenjata fuq ordni taghha stess, kopja tal-istatement relattiv qed tigi annessa u mmarkata Dok. A.

Illi l-konvenuta, ghalkemm interpellata biex thallas b'ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju 1995, baqghet inadempjenti.

Illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili, stante li dan il-kreditu huwa cert, likwidu u dovut, u fil-fehma tal-attrici nomine il-konvenuta m'ghandhiex eccezzjonijiet x'taghti kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont, u l-attrici nomine qed tannetti afidavit mmarkat Dok. B a tenur tal-istess Kodici tal-Organizzazzjoni u procedura Civili.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddeciedi skond it-talba bid-dispens tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili.

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici noe s-somma ta' sitt mija u hamsa u ghoxrin lira Maltija u tmienja u sittin centezmu (Lm625.68) prezz ta' merkanzija konsistenti f'madum lilha mibjugha u kkonsenjata fuq ordni taghha stess.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tal-11 ta' Lulju, 1995 u tal-mandati ta' Qbid u Sekwestru presentati kontestwalment u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-pagament efffettiv, kontra l-konvenuta li tibqa' ngunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fil-21 ta' Marzu, 1996 li permezz taghha l-konvenuta eccepixxiet:

1. Illi t-talbiet ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici nomine peress illi x-xoghol ma sarx skond l-arti u s-sengha u inoltre il-madum supplit ma kien lanqas tal-kwalita' patwita.

2. Illi il-prezz mitlub huwa lanqas dak miftihem jew li kien korrenti ghas-suq ghax-xoghol li sar.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat l-atti processwali kompriz ir-rapport tekniku tal-AIC Frederick Doublet li gie mahluf fis-seduta tad-9 ta' Jannar 2004.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Marzu 2004 illi permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-atturi qed jitolbu il-kundanna ghal hlas tas-somma ta' Lm625.68c prezz ta' merkanzija ikkonsenjata fuq ordni tal-konvenuta lid a parti taghha eccepiet illi l-madum in kwistjoni ma kienx tal-kwalita' pattwita.

Il-perit tekniku ikkonkuda illi *il-konvenuta ma hix responsabbli ghall-ghazla tal-madum izda biss Stanley ghan nom tad-dtta Roger Satarianio and Son Ltd u minbarra dan il-fattur id-ditta attrici ma hiex responsabbli ghall kumplament tax-xoghol hazin.* (fol 99 tal-process). Ikkonkluda ukoll li l-kont kellu jitnaqqas ghal Lm460.48c biex ipatti ghad-difett illi irriskotra u dan billi l-konvenuta kien se jkollha tirranga dan id-difett.

Il-Qorti hija tenuta toqghod ma' dak li jikkonstata perit tekniku salv certi cirkostanzi li fil-fehma tal-istess Qorti ma

humiex riskontrabbli f'din il-kawza u f'dan ir-rapport. Ghalhekk jidher li l-konvenuta kienet gustifikata tilmenta dwar ix-xoghol illi sar u kwindi t-talba attrici ghandha tigi ridotta ghall-ammont ta' Lm460.48c fuq imsemmi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa' parzjalment l-eccezzjoni tal-konvenuta u ghalhekk tilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' erbgha mija u sittin lira u tmienja u erbghin centezmu (LM460.48c) u tikkundanna lill-konveuta thallas din l-istess somma lis-socjeta attrici; l-ispejjes jithallsu in kwantu ghal terz mis-socjeta attrici u zewg terzi mill-konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------